MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru 363/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**
**VS**
***OMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Omissis A*, ta’ *omissis* sena, bin il-mejjet *Omissis E* u *Omissis F*, imwieled *omissis*, u residenti *omissis*, u detentur tal-karta tal-identita’ numru *omissis*, u akkuzat talli matul is-sena *omissis* u fix-xhur ta’ qabel il-*omissis*, gewwa Hal Luqa, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’:
(1) talli bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, taht l-eta’ ta’ *omissis*-il sena, liema delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuni taht l-eta’ ta’ *omissis*-il sena

(2) talli b'ghemil zieni, ikkorrompa persuni li ma ghalqux l-eta' ta' *omissis*-il sena, liema delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mit-tutur tal-minuri, jew imqar jekk ghal xi zmien, kien gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom
(3) talli kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess persuni

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena, tordna l-kundanna taht l-Artiklu 199(5) li ggib ghall-axxendent, it-telfa ta' kull jekk li minhabba din il-kwalita' l-ligi taghtih fuq il-persuna u l-beni tad-dixxendent li bi hsara tieghu sari r-reat, u ghat-tutur, it-tnehhija tieghu mit-tutela u l-interdizzjoni perpetwa mill-ezercizzju ta' kull kariga ohra ta' tutur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-24 ta' Lulju 2002, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dik tal-imputat tas-17 ta' Jannar 2006.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Ispettur Carlo Ellul (ara fol 5 sa 11), jirrizulta illi fit-*omissis* tas-sena *omissis*, kienu gew ikellmuh l-ufficju certu *Omissis M* u l-mara tieghu, u ghamlu rapport illi t-tifel taghhom *Omissis B*, li kellu xi *omissis* snin, kien beda jaghmel certu mossi oxxeni u jitkellem pastaz u l-omm riedet tiskopri r-raguni ghal dan it-tali agir u fl-ahhar it-tifel taghha kien qalilha li kien qed ikollu relazzjoni ma' zijuh *Omissis A* (l-imputat) li kien

joqghod bieb ma’ bieb maghhom u li dan kien qed jigri f’kamra fil-gardina fid-dar tieghu stess. L-imputat jigi hu missier il-minuri.

Il-minuri *Omissis B* informa lill-Ispettur Ellul li kellu kongungiment karnali ma’ zijuh kemm-il darba. Il-minuri *Omissis B* stqarr illi meta l-imputat zijuh kien ikollu ‘penetrative sex’ mieghu, il-minuri ma kienx iwegga’. *Omissis B* stqarr ukoll mal-Pulizija illi kien hemm okkazzjoni fejn anke zijuh ipprova jkollu x’jaqsam ma’ huh iz-zghir *Omissis C*. Meta l-Pulizija tkellmu ma’ huh iz-zghir *Omissis C*, dan ikkonferma dan kollu, anzi qal illi darba minnhom kien ra lill-imputat ikollu x’jaqsam u jippenetra lil huh *Omissis B* mit-tieqa tal-kamra fil-gardina, u kkonferma wkoll illi l-imputat kien ipprova jkollu x’jaqsam mieghu sesswalment izda hu ma halliehx.

Spettur Ellul xehed illi huwa kien ha stqarrija lill-imputat, u li ghall-ewwel innega mbaghad ammetta illi filfatt huwa kien jimmasturba quddiem it-tfal, u fl-ahhar kien ammetta illi kellu ‘penetrative sex’ mal-minuri *Omissis B* **‘kemm-il darba’** (ara fol 10), u li dan kien gara fix-xitwa tas-sena precedenti. L-istqarrija tal-imputat giet esebita u mmarkata bhala dokument CE.

PS 947 Adrian Paul Vella, a fol 17 et seq, xehed illi fit-2 ta’ Mejju tal-2000, huma kellhom rapport minn *Omissis M*, missier il-minuri *Omissis B* u *Omissis C* ta’ *omissis* u *omissis* snin rispettivament, li huh l-imputat kien messlu t-tfal tieghu, cioe’ sesswalment.

PC 447 Kevin Camilleri kkonferma l-istess rapport illi kien ghamel *Omissis M* ghar-rigward taz-zewg minuri t-tfal tieghu.

A fol 21, PC 151 Carmelo Micallef ikkonferma l-prezenza tieghu matul it-tehid tal-istqarrija tal-imputat, ikkonferma l-istqarrija u l-firem fuqha. Ikkonferma wkoll illi l-imputat gie moghti s-solita twissija. Xehed ukoll dwar il-manjiera ta’ kif ittiehdet din l-istqarrija.

*Omissis M*, a fol 29 et seq, xehed illi huwa jigi hu l-imputat, u li hu u martu kienu ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija minhabba illi t-tfal taghhom *Omissis B* u *Omissis C*, kienu qalulhom illi l-imputat (zijuhom), kellu x'jaqsam sesswalment ma' *Omissis B*. *Omissis M*, il-missier, xehed illi *Omissis B* kien qallu illi l-imputat kien nehhielu l-qalziet u li kellu x'jaqsam mieghu sesswalment. Qallu wkoll illi dan kollu kien sehh fil-kamra tal-gardina tal-imputat. Il-kwerelant *Omissis M* qal ukoll illi t-tieni tifel tieghu *Omissis C* qallu wkoll illi kien ra lil *Omissis B* u l-imputat ikollhom x'jaqsmu sesswalment u li t-tnejn kienu bla qalziet u li pero' ma kinux indunaw bih.

PS 947 Adrian Paul Vella esebixxa l-okkorrenza dokument VE3.

*Omissis O*, a fol 36 et seq, xehdet illi hija kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija fuq it-tfal taghha *Omissis B* u *Omissis C*. *Omissis O* xehdet illi hija kienet saret taf b'dan kollu meta hija kienet qed tilghab mat-tfal taghha u ndunat illi l-kbir, *Omissis B*, kien qed fil-kamra tal-banju u beda jilghab b'gismu u jaghmel certu movimenti ndikattivi ta' kongungiment sesswali. Illi meta waqqfitu, it-tieni tifel beda jidhaq u qalilha l-kliem, **'U mhux *Omissis A* jaghmel hekk.'**

Li wara dan, hija baqghet tkellem lil *Omissis B*, illi ghall-ewwel *Omissis B* kien qalilha illi l-imputat kien abbuzah biss permezz ta' seba, u li dan gara meta hu kellu *omissis* snin, u mbaghad sussegwentement qalilha illi, **'dahhaluli go sormi'** (ara fol 39), illi dan kien ghamlu darbtejn. Illi minn hemmhekk, *Omissis O* kienet baghtet ghal *Omissis C* u meta staqsietu jekk l-imputat qatt messux, kien qalilha '**mhux l-istess bhal ta' *Omissis B***'. Meta gie ppressat minn ommu biex jghid ezattament xi gralu, *Omissis C* qalilha li l-imputat kien espona l-parti genitali tieghu u li kien immasturba.

A fol 43 et seq, *Omissis C* ta' *omissis* snin xehed illi huwa jghix ma' ommu u missieru, u li hdejhom joqghod iz-ziju l-imputat li gharfu fl-awla. Mistoqsi jghid x'ghamel l-imputat, *Omissis C* xehed illi l-imputat kien hareg il-parti genitali

tieghu u li ghamilhielu mal-warrani tieghu (ara fol 45 u 46), u li din grat tlett darbiet. *Omissis C* xehed illi l-imputat kemm mess il-parti tieghu mal-warrani tieghu u li f'din l-azzjoni huwa ma kienx wegga'. Xehed ukoll illi ra wkoll lill-imputat **'jaghmel id-duda ma' sorm *Omissis B*'**, u dan waqt li huwa kien qed jittawwal mit-tieqa tal-kamra tal-gardina.

Xehed illi ghalkemm Leli kien liebes, kien imbaghad nehha l-qalziet u l-imputat kien ukoll nezza' l-qalziet lil *Omissis B*.

*Omissis B*, a fol 53 et seq, xehed illi huwa kellu *omissis* snin, illi huwa kien jghix mal-genituri tieghu u ma' hutu *Omissis C* u *Omissis D*. Xehed ukoll illi vicin taghhom kienet tghix in-nanna taghhom, u li l-imputat u Tommy kienu jghixu man-nanna. Mitlub jghid x'gara, *Omissis B* xehed, a fol 53, **'joqghod imissli sormi'**, u dan b'referenza ghall-imputat.

*Omissis B* xehed ukoll illi dawn l-affarijiet graw fil-kamra illi kien hemm fil-gnien tan-nanna tieghu. Mitlub jghid ezattament f'hiex kien jikkonsisti l-abbuz, *Omissis B* xehed, a fol 55, **'joqghod idahhaluli go sormi.'**

Xehed illi huwa kien imdejjaq b'dan kollu, u li meta kien jidhol fil-kamra tat-tigieg, l-imputat kien inezzghalu l-hwejjeg. *Omissis B* xehed ukoll illi l-imputat kien jghidlu biex ma jghid lil hadd. Il-minuri *Omissis B* xehed illi l-imputat kien jippenetrah ftit u li kien ikun imdejjaq hafna meta kien jigri hekk, u li anke gieli wegga', u li din grat hafna drabi.

*Omissis B* xehed illi ma jafx jekk kemm-il darba dawn l-affarijiet grawx ukoll fuq *Omissis C*. A fol 59, *Omissis B* gharaf lill-imputat, qal ukoll illi dawn l-incidenti kienu sehhew qabel il-Milied.

Spettur Charlo Ellul, a fol 64, esebixxa ECZ1, 2 u 3 ic-certifikati tat-twelid ta' *Omissis B* u *Omissis C* u l-kwerela minn Dr Vassallo.

A fol 69, Dr John Vassallo esebixxa l-kwerela li tinstab a fol 68 esebita bhala ECZ3 u kkonfermaha.

Dr Marcelle Martini, a fol 77 et seq, xehed illi huwa kien gie avvicinat mill-genituri tal-minuri sabiex jezamina jekk kienx hemm evidenza ta' abbuz sesswali fuq it-tifla *Omissis D*, u filfatt kien sab li ma kien hemm assolutament xejn. Kien gie wkoll mitlub jezamina lis-subien, izda dan kien sar bejn xahrejn u tlett xhur wara l-allegat incident, u ma kien hemm evidenza ta' xejn. Dr Marcelle xehed illi kieku kien hemm evidenza ta' tenerezza sa tlett xhur erba' xhur wara l-incident, zgur li ma kien se jirrizulta xejn.

Dr Cecile Vella, espert nominat mill-Qorti fuq talba tal-Avukat Generali, esebixxa r-rapport tieghu li jinstab a fol 92 tal-process, fejn ikkonferma illi n-… tal-genitali taz-zewg minuri ma kien hemm ebda sinjali ta' abbuz sesswali jew…..Ikkonferma pero' illi kien ghadda xi tnax jew tmintax-il xahar mill-allegat incident, u ghaldaqstant lezjoni li seta' kien hemm certament kienet tfiq f'dan it-trapass ta' zmien.

Dr Helena Tanti Burlo, a fol 107 tal-process, tat it-testimonianza taghha, fissret illi kienet ghamlet zewg sessjonijiet mat-tfal, sabet illi fil-familja ta' *Omissis M* kien hemm hafna hafna stress, u li ma tantx kien hemm kontroll fuq l-imgieba tas-subien, u li wara l-allegat incident, l-omm kienet hafna iktar 'distracted'. Dr Burlo kienet tal-opinjoni illi dak illi qalulha t-tfal ma kinitx fabbrikazzjoni, illi *Omissis B* kien izjed inkontrollabli u li kien qed jimmanifesta attegjamenti spinti ghall-eta' tieghu. Dr Tanti Burlo kienet imhassba mill-fatt illi l-minuri u l-imputat joqoghdu kwazi bieb ma' bieb ma' xulxin.

A fol 121 et seq, Dr Helena Tanti Burlo, fit-tieni testimonianza taghha, esebiet ir-rapport taghha dokument HTB, u fir-rapport taghha Dr Tanti Burleau kkonkludiet illi t-tfal ma dehrux illi kienu qeghdin jivvintaw storja dwar dan l-allegat abbuz, illi l-istess tfal ma kinux taw dettalji ta' dan l-incident u li hija kellha taghmel il-mistoqsijiet u qalet ukoll illi r-rakkont taghhom ma kienx jidher illi kien **'re-hearsed'**.

Illi l-ezaminazzjonijiet progettivi li saru **'bring out more issues of a dysfunctional but close family.'** (ara fol 128).

Dr Victor Shields, nominat fuq talba tad-Difiza biex jirrelata dwar jekk kemm-il darba l-imputat kienx 'retarded' u x'tip ta' ritardazzjoni semmai ibati minnha u l-livell ta' maturita' tieghu, xehed, a fol 140 et seq. Ikkonferma illi kien ghamel tmien sezzjonijiet mal-imputat, ikkonferma illi mill-IQ tests huwa kellu 55 points meta n-normal ikun bejn 120 u 130, u dan mhux qieghed f'ezempju wiehed. Ix-xhieda tieghu tidhol fid-dettall it-tip ta' testijiet li jaghmel l-imputat, u l-'scores' baxxi hafna illi huwa gab. Dr Shields sab illi l-imputat ibati minn 'moderate retardation', illi mill-'clinical interviews' illi ghamel mieghu ma kienx ha indikazzjoni ta' xi mgieba aggressiva jew vjolenti, u fil-fehma tieghu ma kienx jikkonstitwixxi xi perikolu ghas-socjeta' (ara fol 136). Xehed illi l-imputat kien qed jaghmel xi qadi ghall-gara. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni, Dr Shields xehed illi biex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu huwa ma kellimx lill-gara, illi nfatti Dr Shields ikkonferma s-segwenti:

**'dan l-ammont nista' nghid illi kien hemm persuna li fdatu jaghmel qadja.'** (ara fol.150)

A fol 152, Dr Shields **jikkonferma illi l-imputat jaf id-differenza bejn it-tajjeb u hazin**, izda kkonferma illi kien hemm annormalita' serja. A fol 152/153, Dr Shields jiddubita jekk kemm-il darba l-imputat jikkostitwix periklu jekk ikun fil-prezenza ta' tfal. Dr Shields esebixxa r-rapport tieghu dokument VS a fol 155-163.

Fit-testimonjanza tieghu, a fol 175 et seq., l-imputat jaghti rendikont ta' hajtu. Xehed illi kien attenda skola ta' Kordin Guardian Angels fejn kien jitghallem is-sengha ta' mastrudaxxa u li meta kiber kien jaghmel '*odd jobs*' ghall-gara.

Xehed li dak li qalulu l-pulizija dwar it-tfal ma kienx veru. Qal li la jaf jaqra u lanqas jikteb. Qal li qatt ma ccajta bil-mossi man-neputijiet tieghu. Stqarr li kien jbaghti mill-

asthma u li kien ghamel operazzjoni f'rasu. (fol 177) Hu xehed li qatt ma ghamel pastasati mat-tfal li gewwa u lanqas fil-pubbliku.

Hu xehed li kellu gardina fejn irabbi t-tigieg u kien jghin lil *Omissis I*. L-imputat kien jaf xi tfisser masturbazzjoni u qal li qatt ma ghamel dan quddiem it-tfal. Hu xehed illi jghix ma' ommu li kienet marida u li gieli gew ghandhom n-neputijiet *Omissis B*, *Omissis C* u *Omissis D*.

L-imputat xehed li t-tfal ma baqghux imorru ghandhom minn mindu ommu ggieldet ma' huh (ma' missier it-tfal). Hu xehed li ma kellimhomx izda lit-tfal, pero', huma pprovaw ikellmuh u li ma kienux jibzghu minnu. (fol 182)

Hu sostna illi baqa' jaqdi lill-gara bhas-soltu u rega tenna li huwa ma ghamel xejn hazin lit-tfal in kwistjoni. (fol 183)

L-imputat in kontro ezami, kkonferma l-ewwel parti tal-istqarrija tieghu izda nnega li kien stupra lin-neputi tieghu *Omissis B* – kif gie ammess fl-istqarrija tieghu u baqa' jinnega li ghamel xi haga hazina lil dawn it-tfal. Xehed, li qal dak li qal fl-istqarrija, ghaliex l-Ispettur qallu li ser jitfghu Rahal Gdid u li t-tfal qalu dak li qalu ghaliex ommhom heddithom li titfaghhom s-Salvatur.

Dr. Peter Muscat xehed illi l-imputat kien isofri minn *mild mental subnormality* u li jircievi *disability pension..* **Hu xehed li l-imputat kellu intelligenza ta' tifel ta' *omissis* snin izda ma kellux gudizzju bizzejjed u autokritika sabiex jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu u informa lill-Qorti illi dawk it-tip ta' nies jehtigilhom li jkunu sorveljati u mhux inkarcerati jew istitutjonalizzati.**

*Omissis I* xehed illi l-imputat kien jghinu fit-trobbija tan-naghag u kien kapaci jiehu hsieb tar-razzett wahdu.

*Omissis G* a fol 206 et seq., gara tal-imputat, xehedet illi l-imputat gieli tibghatu jaghmlilha xi qadi u li qatt ma rat ghajn hazina minnu. Hija kellha tifel ta' *omissis* sena.

*Omissis H* a fol 208 et seq., xehedet li ilha taf lill-imputat ghal dawn l-ahhar *omissis* (*omissis*) snin. Xehedet li kellha zewgt (2) itfal u li sikwit kienu jitilghu l-ghalqa ta' *Omissis I* ghal xi barbeque. Qalet li l-imputat kien jilghab maz-zewgt (2) ibniet taghha u li qatt ma rat ghajn hazina minnu.

*Omissis J* a fol 221 xehed illi ilu jaf lill-imputat ghal xi *omissis* (*omissis*) sena ghaliex trabbew flimkien u qatt ma rah jittanta xi tfal. Ikkonferma illi l-imputat jaqdi lin-nies tar-rahal u kien *helper* Hal Luqa. Xehed li gieli kien hdejh meta kien jonsob jew qieghed ghal kacca izda qatt ma tah s-senter f'idejh: '***mela jien mignun . . .***' (a fol 212) *Omissis J* deherlu illi l-imputat kellu intelligenza normali.

Permezz ta' nota nhar l-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2005 a fol 249, il-kwerelanti *Omissis M* u martu *Omissis O* pprezentaw dikjarazzjoni guramentata (a fol 250) fejn irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat.

Illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2006, *Omissis O* u *Omissis M* kkonfermaw dana kollu bil-gurament taghhom quddiem din il-Qorti. Huma qalu li s-subien taghhom ma xtaqux li z-ziju taghhom jispicca l-habs.

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti ma ghandiex xrara ta' dubbju li fil-fatt l-imputat stupra vjolentement lill-minuri *Omissis B* ta' *omissis* (*omissis*) snin, almenu f'zewg okkazzjonijiet fil-kamra fil-gnejna, fejn l-imputat kien irabbi t-tigieg, waqt li kkorrompa wkoll lil huh *Omissis M*, billi espona l-parti genitali tieghu u kien mess il-parti genitali tieghu mal-warrani tal-istess *Omissis M* meta dan kellu biss *omissis* (*omissis*) snin. Di piu', *Omissis M* kien xhud tal-istupru ta' huh *Omissis B*.

Din il-Qorti tgharaf illi l-imputat ibaghti minn *mild mental subnormality* kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' Dr. Shields u mix-xhieda ta' Dr. Peter Muscat psikjatra, li l-imputat jaghraf il-hazin mit-tajjeb.

Il-Qorti fi stadji inizzjali tal-proceduri kellha dubbji hfief kemm ‘il darba l-imputat li ghandu intelligenza ta’ tifel ta’ *omissis* (*omissis*) snin kellux dak li ghal tfal ta’ dik l-eta’ jissejjah ‘*mischevious discrection’* sabiex jerfa responsabilita’ kriminali ghal eghmilu u dan tista’ taffermah b’serenita’ u konviciment morali meta giet rinfaccata bil-komportament tieghu fil-pedana tax-xhieda u rat il-maniera li biha l-imputat tghallem jigdeb b’aktar mod proficjenti.

Dak li trid tezamina din il-Qorti hija jekk ir-rinunzja tal-kwerelanti *Omissis M*, genituri ta’ zewg (2) subien minuri, tipperimix l-azzjoni kriminali meta si tratta ta’ stupru vjolenti fuq tifel ta’ *omissis* (*omissis*) snin, u f’kaz ta’ korruzzjoni ta’ tifel iehor ta’ *omissis* (*omissis*) snin, kommess miz-ziju taghhom, liema rinunzja giet intavolata meta il-kaz kien gie mhalli ghas-sentenza.

Minkejja li bhala regola generali l-azzjoni krimanli titmexxa ex officio mill-pulizija (vida Artikolu 4 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), hemm istanzi specifici fejn proceduri kriminali jitmexxew **biss** meta ssir talba tal-parti privat.

In fatti, ghar-reat ta’ stupru vjolenti, l-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jesigi:

***“Ma jistghux isiru procedure kriminali hlief fuq talba tal-parti privata f’ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin:***
***a) stupru vjolenti***
***b) serq tal-persuna***
***c) attentat vjolenti ghal pudur.”***

L-Arikolu 544 jkompli jaghti cirkostanzi fejn certi reati kontemplati fis-subinciz a), b) u c) l-azzjoni kriminali tintrefa minn idejn il-privat u terga tinghata f’idejn il-pulizija. Dawn ic-cirkostanzi ser jigu diskussi aktar ‘il quddiem.

L-azzjoni kriminali, fir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, bhal dak ta’ stupru vjolenti, huwa wkoll mholli f’idejn il-privat.

Infatti, l-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

***Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:***
***Izda, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn wahda mic-cirkostanzi ta’ fatt jew ta’ persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (c), il-kwerela ma tkunx izjed ammissibli wara sena minn dak in-nhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd taghmel il-kwerela minflok il-parti offiza:***
***Izda, ukoll, jitmexxa ex officio –***
***(a) fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso ta’ l-artikolu 544;***
***(b) meta l-eghmil isir b’abbuz tas-setgha ta’ genitur jew ta’ tutur.***

Il-kaz in ezami jinkwadra perfettament taht l-Artikolu 203(1)(a) – ghaliex gie kommess fuq minuri ta’ taht il-*omissis* (*omissis*) –il sena; u taht Artikolu 203(1)(c) – ghaliex ir-reat gie kommess minn persuna li kienet “*charged* **<u>even though temporarily</u>** *with the ‘care’*” tal-istess minuri. Dawn huma aggravanti jiprecipitaw piena ta’ minn tlett (3) snin sa sitt (6) snin.

Artikolu 203 apparti li jaghti s-seta’ lill-parti privata biex tistitwixxi l-proceduri, jaghmel zewg eccezjonijiet jew *provisos:*

L-ewwel eccezzjoni jew *proviso*:

(1) Li fejn reat ta’ korruzzjoni huwa semplici (cioe mhux aggravat bic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 203 (1) a, b, c), t-terminu ghal prosekwiment ta’ l-azzjoni kriminali huwa qasir – u cioe’ sena u gurnata mill-incident jew mill-gharfien tal-incident minn min hu intitolat jintavola l-kwerela.

It-tieni eccezzjoni jew *proviso*:

a) Fil-kazijiet mmarkati fil-provisio ta’ 554 – u cioe’:

a) stupru vjolenti
b) serq tal-persuna
c) attentat vjolenti tal-pudur.
b) Fejn l-eghmil isir b'abbus tas-setgha tal-genitur u tutur.

Huwa rilevanti ghal dan il-kaz, li l-Qorti tissoleva l-fatt illi z-zewg provisios tal-Artikolu 203 (3) huma **<u>maghqudin</u>** permezz ta' zewg '*colons*' u z-zewg provisios jikkwalifikaw il-**premessa ewlenija** – cioe t-tmexxija tal-proceduri kriminali fuq l-istanza tal-privat.

Ghalhekk tohrog il-mistoqsija krucjali ghal dan il-kaz. F'kaz ta' reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat bic-cirkostanzi indikati fl-Artikolu 203 (1) (a) (b) u (c), **min ghandu jmexxi l-proceduri kriminali**? Il-privat jew il-pulizija? Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravate bl-Artikolu 203 (1) (a) (b) u (c) u l-kazijiet indikati fl-Artikolu 544 **jikkostitwixxu a *double hurdle*** kontra t-tmexxija tal-proceduri mill-privat, jew ghandhom jigu **interpretati indipendentement** wiehed mill-iehor?

Il-Qorti wara konsiderazzjoni fit-tul u konxja tal-fatt li fil-kamp kriminali l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun wahda ristrettiva, waslet ghall-konkluzjoni li l-*provisos* ma jistghux hlief jigu interpretati indipendentement.

Il-punt krucjali li jxaqleb il-bilanc tal-gudizzju favur interpretazzjoni indipendenti tal-provisos huwa s-selezzjoni fl-ahhar proviso tal-aggravanti tal-axxendent u tutur fost l-aggravanti li hu elenkat l-aggravat 203 1(c).

Illi ghalhekk ghar-rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat – u cioe' t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat tipprevali r-rinunzja tal-genituri *Omissis M* u *Omissis O*, **hlief jekk jirrizultaw cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 544**.

Il-Qorti trid tezamina wkoll kemm 'il darba l-istanzi indikati fl-Artikolu 544 jimmilitawx kontra r-rinunzja tal-genituri.

Infatti, l-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

***Ma jistghux isiru proceduri kriminali, hlief fuq talba tal-parti private, f'ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) stupru vjoleni;***
***(b) serq ta' persuna;***
***(c) attentat vjolenti ghall-pudur;***
***(d) serq ta' elettriku u reati taht l-artikolu 326(1)(c) (e) u (f);***

***Izda, meta xi wiehed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti private;***

***Izda wkoll meta fil-kaz ta' delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti private, id-dispozizzjoni tat-tieni proviso ta' l-artikolu 543 (e) ghandhom japplikaw ukoll ghal dak il-kaz.***

Fil-kaz in ezami ma tezisti ebda xrara ta' evidenza li r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat twettqu bi vjolenza pubblika ai termini ta' Artikolu 63 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti jiddimostraw li l-imputat kien wahdu meta ghamel dak li ghamel mal-minuri u ma uza ebda arma biex jiffacilita kommissjoni tar-reat ta' stupru vjolenti u korruzzjoni ta' minorenni.

Lanqas ma hemm evidenza li l-imputat issekwestra lill-minuri – rabathom jew sakkarhom – wisq anqas ma jirrizulta illi r-reati saru f'post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku. Ix-xhieda turi li r-reati mistmerrija twettqu f'kamra f'gardina ta' dar private. (vide Pul vs. Gregory sive Godwin Scriha – Appell Kriminali deciz 19.2.1997 u Pul vs. Omisses – Appell Kriminali deciz 5.6.2003)

Infatti fis-Sentenza Il-Pulizija vs. Toni Bezzina, deciz mill-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1952, per Judge Harding:

"*Ir-rinuzja ghall-kwerela f'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni ma tippermix l-azzjoni, meta l-attijiet ta' korruzzjoni jkunu saru f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku; ghax f'dan il-kaz ir-reat ikun prosekwibbli "ex officio.""*

Di piu', fil-kaz Il-Maesta tar-Regina vs. Mikiel Azzopardi deciz fl-20 ta' Ottubru 1953 mill-Appella Kriminali gie a tenut:

*"Jekk fuq akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni bhala kommessa f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, il-gurati jaghtu verdett ta' pieta'* ***minghjar*** *il-kwalifika tal-post pubbliku, r-reat ikun procedibbli bi kwerela tal-parti offiza li hija rinunzjabbli. Ghalhekk . . . . . dik ir-rinunzja atteza l-inesistenza tac-cirskostanza ta' post pubbliku jew espot ghall-pubbliku, . . . . iggib l-improcedibilita' tal-azzjoni . . . ."*

Vide anke Pulizija vs. Kelinu Mifsud, deciza mill-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1955 per Judge Harding:

*"Meta l-atti ta' korruzzjoni ta' minuri jsiru f'post pubbliku, hemm l-clement ta' pubblicita' li jirrendi inesperattiva r-rinunzja ghall-kwerela."*

Fis-Sentenza Pulizija vs. Gerald Buttigieg deciza mill-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar 1955 per Judge Harding gie ppronunzjat s-segwenti:

*"Dar mhix post pubbliku, la mix-xorta taghha u lanqas minhabba destinazzjoni. U jekk jithalla bieb ta' barra miftuh, d-dar lanqas tista' titqies post pubbliku b'accidentalita' … Kieku minn xi apertura ezistenti fid-dar*

*xi hadd mill-pubbliku seta' jara facilment dak li kien qieghed isir ghad-dar, allura forsi wiehed kien talvolta jista' jikkontempla soluzzjoni fis-sens li d-dar saret post pubbliku b'accidentalita', salv konsiderazzjonijiet ohra; imma fl-assenza ta' din il-possibilita' d-dar tibqa' post mhux pubbliku. U jekk f'kaz simili, tigi prodotta rinunzja ghall-kwerela, ma tirrikorrix ebda wahda mic-cirkostanzi li skont il-ligi, jirrendi dan ir-reat persekwibbli "ex officio", ma jkunx hemm aktar lok ghall-prosekuzzjoni tar-reat."*

Huwa kwazi superfluu li jinghad li l-imputat ma kellu ebda seta ta' setgha ta' genitur meta wettaq ir-reati ta' stupru vjolenti u korruzzjoni ta' minuri fuq iz-zewgt itfal u ghalhekk l-ghemil tieghu qatt ma seta' sar b'abbuz ta' din is-setgha; lanqas ma jirrizulta li kien tutur tal-istess tfal.

Irid jinghad f'dan l-istadju illi l-Artikolu 545(1) jirritjeni illi meta azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privata, l-kwerelant jista' **<u>f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali,</u>** jirrinunzja ghall-kwerela li hu jkun ga ghamel.

Illi ghal dawn il-mottivi, u ammess li r-rinunzja tal-genituri *Omissis M* u *Omissis O* kif indikata fin-nota taghhom u kif konfermata bil-gurament quddiem l-istess Qorti, hija inekwivoka, car u minghajr kondizzjoni ai termini tas-Sentenza Pulizija vs. Victor Vella fl-Appell Kriminali, deciza fil-15 ta' Novembru 1996, din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr li tiddikjara il-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------